# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Marzu 2024**

**Każ Nru: 20/22**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Carmel Farrugia (K.I.174955M) u Daniel Farrugia (K.I. 433479M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Carmel Farrugia, mwieled fis-16 ta' Frar, 1955, Floriana, iben Angelo u Carmela xebba Scicluna, detentur tal-karta tal-identità nru 174955M u residenti Jarrow, Triq il-Qied id-Dis, Swieqi u fil-konfront ta' Daniel Farrugia, mwieled fit-23 ta' Settembru,1979, f'Ħ'Attard, iben Carmel u Alison xebba Scullion, detentur tal-karta tal-identità nru 433479M u residenti 98, Triq Dun Marju, Qormi u ċioé:

*Akkużati talli b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:*

*Fil-kwalita' tagħkom ta' Diretturi jew Segretarji jew Rappreżentanti Legali jew Managers, tal-Kumpanija C-48748 Sliema Developments Limited bl-indirizz reġistrat Depiro Point, Block A No.3, Depiro Street, Sliema u/jew bħala persuni li kontu inkarigati mill-istess Kumpanija sabiex tamministraw l-kirja:*

1. *Bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond Depiro Point, Blk A, Flat 28, Triq Depiro, Sliema, nhar il-05 ta' Novemberu 2020 u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, bi ksur tal-liġijiet u regolamenti applikabbli, nqastu li tirreġistraw l-kirja tal-imsemmi fond lil Alex Kovacs detentur tal-karta ta' residenza 0261588A mal-Awtorita' tad-Djar.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-ħati, ai termini tal-Artikolu 22(1) Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallas il-penali skont il-Ligi, għar-ragunijiet hawn fuq speċifikati u cioe' multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u mhux aktar minn għaxart elef Ewro (€10,000).*

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2022[1] fejn xehed Chris Casha bħala rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar.

Ra d-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' April 2023[2].

[1] A fol 5 tal-proċess.
[2] A fol 30 tal-proċess.

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023[3] fejn beda x-xhieda tiegħu ċertu Alex Kovacs.

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2023[4] fejn tkompliet ix-xhieda ta' Alex Kovacs u xehdet Claudia Diacono. Dakinhar seħħet ukoll it-trattazzjoni finali[5] u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Frar 2024[6].

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u provi**

Illi din il-kawża tikkonċerna n-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' skrittura ta' kera skond dak li jrid il-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Chris Casha, rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar[7]. Wara li jressaq dokument bir-rapport tal-kawża odjerna, jispjega li l-Awtorità' rċeviet rapport fil-5 ta' Novembru tas-sena 2020 dwar il-fond in kwistjoni. Il-

[3] A fol 33 tal-proċess.
[4] A fol 42 tal-proċess.
[5] Liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta u tibda a fol 187 tal-proċess.
[6] A fol 191 tal-proċess.
[7] Xhieda mogħtija fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2023 u tibda a fol 5 tal-proċess.

kuntratt ta' kera kien għal sena u beda fis-17 ta' Lulju 2020, versu kirja ta' seba' mija, ħamsa u għoxrin Ewro (€725) fix-xahar. L-inkwilin ħareġ mill-fond fil-15 ta' Novembru 2020. Minn riċerka li saret irriżulta li din il-kirja qatt ma ġiet reġistrata. In kontro-eżami, x-xhud jikkonferma li hu ma kienx preżenti waqt l-iffirmar tal-kuntratt u li hu straħ fuq id-dettalji mogħtija minnu mill-inkwilin. A jafx jgħid jekk effettivament il-kirja qatt daħlet fis-seħħ.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll l-inkwilin Alex Kovacks[8]. Jikkonferma li kien jgħix fl-appartament in kwistjoni iżda ma setax jiċċara kemm kien id-depożitu inizjali. Kien qiegħed jipprova jakkwista residenza hawn Malta u meta kien f'dan il-proċess, sab li l-kuntratt ma kienx wieħed reġistrat. Jikkonferma li l-ħlas kien isir lis-soċjetà Sliema Developments Limited. Ma sar l-ebda kontro-eżami lil dan ix-xhud.

Illi xehdet ukoll Claudia Diacono, rappreżentanta tal-Malta Business Registry[9]. Hija eżebiet kopja tar-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tas-soċjetà Sliema Developments Limited għaż-żmien rilevanti. Ma sar l-ebda kontro-eżami lil dan ix-xhud.

**2) Mertu**

Illi qabel xejn din il-Qorti tissenjala li hija taqbel ma sentenzi oħra dwar ir-rekwiżiti ta' dan ir-reat u ċioé li sabiex jiġi ppruvat dan ir-reat ma hemmx ħtieġa

[8] Xhieda mogħtija kemm fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023 u 22 ta' Novembru 2023.
[9] Xhieda mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2023 u tibda a fol 53 tal-proċess.

li wieħed jeżamina l-intenzjoni kriminuża għaliex huwa reat li min-natura tiegħu jitqies bħala wieħed ta' *strict liability*[10].

Illi mill-provi li tressqu jirriżulta ċar li l-kuntratt ta' kera, li jirrelata dwar kirja magħmula fis-17 ta' Lulju 2020 (u allura wara l-miġja tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta) ma ġiex debitament reġistrat. Jirriżulta wkoll li sid il-kera, skond l-istess kuntratt kienet is-soċjetà Sliema Developments Limited[11].

Illi din il-Qorti taqbel li l-Kapitolu 604 ma jagħmilx referenza għall-artikolu 121D tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iżda jidħol fix-xena il-kunċett ta' responsabbiltà' vikarja[12]. Issa, minn eżami tad-dokumenti mressqa mill-Malta Business Registry, jirriżulta ċar u mhux kontradett, li l-akkużati kienu diretturi fi ħdan l-istess soċjetà fiż-żmien tal-iffirmar tal-kuntratt in kwistjoni[13]. Għalhekk sa fejn id-difiża tistrieħ fuq dan l-argument, din il-Qorti ma taqbilx mal-istess. Mingħajr ħafna dilungar żejjed, l-artikolu 22 tal-Kapitolu 604 jitkellem dwar kull persuna. Issa, skond l-artikolu 4(e) tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, id-definizzjoni ta' din il-kelma tinsab imfissra hekk:

---

[10] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Maurizio D'Apice,** mogħtija minn din il-Qorti nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata).
[11] Ara kuntratt li jibda a fol 18 tal-proċess.
[12] Safejn hekk applikabbli, ssir referenza għal dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniela Debattista,** (App Nru: 498/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar i6 ta' Novembru 2016.
[13] Din il-Qorti għalhekk ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difiża dwar ir-responsabbiltà ta' Daniel Farrugia. Ħarsa lejn id-dokument *a tergo* ta' fol 71 jixhed li ż-żewġ akkużati kienu diretturi fiż-żmien rilevanti.

*l-espressjoni "persuna" tinkludi korp jew għaqda oħra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-għaqda jkunu persuna ġuridika, skont id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, sew jekk le*

Illi b'żieda ma dan mbagħad, il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

*Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat*

Illi din il-Qorti, diversament preseduta, diġà kellha okkażjoni tidħol *in funditus* fuq din il-kwistjoni[14]. Din il-Qorti taqbel ma dak l-insenjament u tagħmlu tagħha mingħajr ħtieġa ta' elaborazzjoni ulterjuri. F'dan il-każ, l-imputati ma ppruvawx din id-diliġenza jew nuqqas ta' tagħrif.

Illi mbagħad, sa fejn id-difiża donnha trid turi xi dubju fuq il-kuntratt in kwistjoni, jingħad li mhux kull dubju jħalli dik l-impronta neċessarja sabiex tirnexxi id-difiża li *in dubio pro reo*. Fil-każ in kwistjoni, għalkemm ma setgħetx issir l-

[14] Issir ampja referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Sammut *et,*** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-27 ta' Marzu 2023.

identifikazzjoni tal-akkużati fl-awla, minħabba restrizzjonijiet teknoloġiċi, ma jfissirx li din il-Qorti m'għandhiex biżżejjed provi sabiex issib ħtija. Ħarsa lejn il-kuntratt eżebit juri biċ-ċar li dan sar mill-kumpannija bħala sid il-kera u l-inkwilin Alex Kovacs[15]. Hemm biżżejjed materjal probatorju, inkluż ix-xhieda tal-inkwilin, sabiex din il-Qorti jkollha s-serħan il-moħħ dwar l-eżistenza u l-kontenut tal-kirja in kwistjoni. Għal darb' oħra jingħad li sa fejn id-difiża tgħid li ma ntweriex lis-soċjetà kienet sid il-kera, il-liġi titkellem dwar **kull persuna**. Jekk qiegħda tgħid

Illi għalhekk din il-Qorti qiegħda ssib lill-akkużati ħatja.

### 3) Piena

Illi l-liġi tagħti diskrezzjoni wiesgħa[16] dwar il-multa li l-Qorti tista' timponi. F'dan il-każ, il-Qorti ma tqisx li għandha tmur lejn il-minimu għaliex l-argumenti tal-akkużati ma ġewx imħaddna minn din il-Qorti. Għalhekk, meta l-Qorti tqis id-durata tal-kuntratt u l-ammont ta' kera mħallas fuq kuntratt mhux debitament reġistrat, issib li għandha timponi multa ta' erbat elef Ewro (€4,000).

### 4) Konklużjoni

---

[15] Sa fejn hija hekk applikabbli, wieħed huwa mistieden jara dak raġunat u deċiż dwar din it-tip ta' difiża fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manuela Tabone Micallef,** mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar il-14 ta' Lulju 2023.

[16] Il-minimu tal-multa huwa ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) sa massimu ta' għaxart elef Ewro (€10,000).

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3, 4 u 22 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil Carmel Farrugia u Daniel Farrugia fil-kapaċità tagħhom ta' Direttur, Segretarju, Rappreżentant Legali jew Manager tal-kumpanija Sliema Developments Limited, ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħhom u qed tikkundannahom għal multa ta' erbat elef Ewro (€4,000).

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur